KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 53

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

Il-Ħamis 29 ta' Jannar, 2026

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa Sala Golden Oriole, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:07 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsilliera Swieqi
Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema
Is-Sa. Mariah Meli – Sindku Għargħur

ASSENTI

Ħadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

53.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku ta' tas-Sliema is-Sur John Pillow, u s-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Mariah Meli, sabiex jinfurmaw li ma setgħux ikunu preżenti għal din il-laqgħa minħabba impenji oħra.

53.1.2 Il-membri preżenti approvaw l-ittra t'apoloġija.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

53.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 52 li nżammet nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2025 kienu meħuda bħala moqrija.

53.2.2 Is-Sur Chircop xtaq jgħamel rimarka fuq punt numru 52.7.12 tal-minuti fejn qal li fil-laqgħa preċedenti hu kien irrakomanda li l-Kunsill ta' Ħal Għargħur għandu jgħamel kuntatt ta' persuna li jgħamel xogħol ta' restawr ta' brass. Hu żied jgħid ukoll li jekk isir ix-xogħol u l-ammont intitolat mill-fondi ma jkunx biżżejjed għall-ispiża kollha, id-differenza tkun tistà tittieħed minn skemi finanzjarji li jinħarġu mir-Reġjun matul is-sena 2026. Hu qal ukoll kif ir-Reġjun ma jistax jikkometti ruħu minn issa. Hu qal kif dan il-punt kien diġa ġie ikkomunikat dirett mas-Sindku ta' Ħal Għargħur.

53.2.3 Il-korrezzjoni ġiet approvata mill-membri preżenti u l-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi.

## 53.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Aġġornament fuq il-Kuntratt ta' l-iskart*

53.3.1 Il-President informa kif kienet inżammet laqgħa mal-avukati tar-Reġjun, fejn kien ġie diskuss kif nixtiequ imexxu bħala Reġjun. Hu qal kif kienet ġiet ippreparata ittra uffiċjali bl-għan li tiġi maqbula bejn iż-żewġ partijiet. Hu qal kif fl-ittra jissemma li jekk jingħata pjan ċar ta kif se jiġu irranġati n-nuqqasijiet li fadal, kif ukoll titwaqqa l-kawża tal-qorti, ir-Reġjun lest li jnaqqas it-total ta' €182,000 mill-multa globali (rigward lewwel 6 xhur tal-kuntratt).

53.3.2 Il-President kompla jispjega kif nhar it-Tlieta 13 ta' Jannar 2026, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-Waste kienu attendew għall-laqgħa mal-avukati tar-Reġjun flimkien mal-Kuntrattur u l-avukat tiegħu.

53.3.3 Is-Sur Chirop qal kif l-aħħar seduta tal-qorti nżammet nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2026 fejn is-smiegħ tal-kawża ġiet diferita għal nhar it-Tnejn 16 ta' Marzu 2026. Hu qal ukoll kif dan ir-Reġjun irċieva emejl mingħand l-avukati tal-kuntrattur fejn informa li ma kienux qed jaqblu ma dak kollu li kien propost mir-Reġjun u b'hekk sa din il-laqgħa għad ma hemmx qbil. Sadanittant nhar it-Tnejn 19 ta' Jannar 2026 inżammet laqgħa bejn il-Waste Manager, Ryan Zammit, u l-kuntrattur, sabiex jiġu spjegati in-nuqqasijiet kbar li fadal fis-sistema tad-DVR forsi jiġu ndirizzata mill-kuntrattur.

53.3.4 Is-Sur Chircop qal ukoll kif nhar l-Erbgħa 21 ta' Jannar 2026, inżammet ħa mal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema sabiex jitrangaw xi nuqqasijiet li ħhad fadal f'din il-lokalità.

53.3.5 Is-Sur Chircop għamel referenza għal ġbir addizzjoni li sar minħabba li l-Milied u l-ewwel tas-sena ħabtet mal-kollezzjoni tal-ġabra tal-borza tar-riċiklaġġ, kien hemm koordinament sabiex dan issir bħala ġbir addizzjonali. Hu żied jgħid ukoll kif kellu jiġi kkordinat il-ġbir tar-riċiklaġġ fi żmien il-festi kif ukoll is-sitwazzjoni li inqalat minħabba l-maltempata Harry.

53.3.6 Kien hemm diskussjoni qasira mal-membri preżenti dwar dan l-aħħar punt.

53.3.7 Il-President reġa għamel referenza għall-pagamenti dovuta lill-kuntrattur u kif mill-ammont tal-multa mgħotija, kien hemm qbil li jiġi mnaqqsa l-ammonti li kienu mnaqqsa fl-ewwel sitt xhur tal-kuntratt. Hu rrakomanda kif għal din ir-raġuni, f'din l-iskeda ta' ħlasijiet, il-pagament mgħoddi għas-servizz mgħoti f'Novembru 2025 ser jingħata sħieħ.

53.3.8 Is-Sindku ta' Pembroke, Dott. Kaylon Zammit, staqsa jekk din il-komunikazzjoni kinitx qed tiġi ċċirkulata mal-membri tar-Reġjun.

53.3.9 Is-Sur Chircop qal li din il-komunikazzjoni ma kinitx ġiet iċċirkulata u kif ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex din tiġi ċċirkulata.

53.3.10 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif il-multa oriġinali qatt ma żdiedet u l-ammont kien riflessjoni minn Lulju 2023 sa Settembru 2024. Dan peress li r-Reġjun għadu s'issa jistenna l-approvazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

- *Laqgħa ta' Konsultazzjoni – White Rocks*

53.3.11 Il-President fakkar lill-membri dwar laqgħa li kienet inżammet fuq dan is-sit fuq stedina ta' l-Onor. Miriam Dalli nhar l-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2026 u kif kien ġie diskuss u maqbul fil-laqgħa preċedenti tar-reġjun, inżammet laqgħa mal-Perit Joe Bugeja sabiex tiġi mressqa proposta f'isem ir-Reġjun dwar dan is-sit.

53.3.12 Is-Sur Chircop ressaq il-pjanta li kienet ġie ddiżinjata mill-Perit wara li kien semgħa r-rakkomandazzjoniet tiegħu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġers tar-Reġjun. Hu qal kif għandu jkun hemm bini mill-inqas u l-binja proposta għall-uffiċini tar-Reġjun huma fuq *footprint* eżistenti.

53.3.13 Is-Sur Chircop inkoraġġixxa lill-membri preżenti sabiex bħala Kunsilli jgħatu l-kontribut tagħhom billi jressqu l-ideat u proposti tagħhom lill-Maniġer ta' l-ambjent sabiex tintbagħat komunikazzjoni waħda bil-punti kollha msemmija.

53.3.14 Is-Sur Chircop qal ukoll li fl-opinjoni tiegħu l-uffiċini tar-Reġjun ikunu aktar addatati ġewwa Manoel Island milli f'dan is-sit ta' Pembroke sabiex dan is-sit jibqà intatt u park Nazzjonali mingħajr ebda tip ta' bini. Madanakollu hu qal li din il-pjanta għandha tiġi ssottmessa flimkien mal-kummenti mgħoddija mill-membri tar-Reġjun.

53.3.15 Il-President talab lill-membri sabiex il-laqgħa tiġi sospiża u nimxu għal *item* numru 53.5 minn fuq l-aġenda sabiex l-accountant tar-Reġjun tkun preżenti fil-laqgħa u tressaq ir-rapporti finanzjarji.

*53.3.16 17:36pm – Il-Kunsilliera ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.*

## 53.5 Rapporti – *Financial Statements as at 31/12/2025*

53.5.1 Fuq qbil mill-membri preżenti, il-President stieden lis-Sa Romina Perici Ferrante sabiex tagħti spjegazzjoni fuq ir-rapporti ppreżentati, liema rapporti kienu ntbagħtu permezz ta' emejl għall-attenzjoni tal-membri tar-Reġjun sabiex jilħqu anke jressqu d-domandi tagħhom.

53.5.2 Is-Sa Perici Ferrante tat spjegazzjoni fit-tul dwar il-financial statements tas-sena 2025.

53.5.3 Is-Sindku tal-Pietà, is-Sur Stefano Savo, staqsa jekk l-iskemi finanzjarji maħruġa mir-Reġjun fl-2025 kienux inkluża fir-rapport billi jkunu mnaqqsa mill-ammont finali tas-*surplus*.

53.5.4 Is-Sa Perici Ferrante qalet li f'dawn l-ammonti kien hemm innutat l-iskema finanzjarja tal-Milied biss peress li dawn l-ammonti ser jinħarġu x-xahar li ġej. Madanakollu l-iskema finanzjarja ta' €15,000 kull Kunsill ma kienux inkluża peress li dawn iridu jintnefqu sa tmiem is-sena 2026.

53.5.5 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti u tat spjegazzjoni ċara dwar il-pożizzjoni finanzjarja tar-Reġjun u peress li ma kienx hemm aktar domandi mressqa mill-membri preżenti, r-rapporti ġew approvati mill-membri b'mod unanimu.

53.5.6 Is-Sa Perici Ferrante ġiet skużata mill-laqgħa u l-President informa kif hu kien ser ikompli bil-komunikazzjoni tiegħu.

## 53.3 Komunikazzjoni mill-President *(kontinwazzjoni)*

- ***EcoMedHub IT–MT***

53.3.16 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta dwar dan il-proġett tal-Interreg EcoMedHub IT–MT li hija kollaborazzjoni ta' sentejn imfassla biex tgħin lin-negozji żgħar (SMEs) fi Sqallija u f'Malta jkunu aktar sostenibbli permezz tal-ekonomija ċirkolari. Il-proġett jiffoka fuq it-tnaqqis tal-iskart billi joħloq pjattaforma diġitali B2B fejn l-SMEs jistgħu jeħilsu minn materjali żejda u skart, biex b'hekk dan l-iskart ta' kumpanija jsir riżorsa għal kumpanija oħra. Billi jipprovdi din il-pjattaforma, ikun qed ilaqqha entitajiet skond l-iskart u riżorsi li jkollhom bżonn. Il-proġett jgħin li jnaqqsu l-ispejjeż loġistiċi u l-impatt ambjentali ta' dawn in-negozji. Is-sħab Maltin bħalissa huma l-MIEMA u r-Reġjun Tramuntana.

53.3.17 Hu nforma kif dakinhar filgħodu, hu flimkien mal-Maniġer tal-EU/Local Funds iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-MIEMA: Diane Cassar - Projects, Administration & Finance u Board Secretary, kif ukoll id-Direttur Jesmond Xuereb, fejn inkuraġġixxu lil dan ir-Reġjun sabiex jipparteċipa f'dan il-proġett u kif risposta dwar dan trid tingħata sa l-għada ta' din il-laqgħa.

53.3.18 Il-President għamel referenza għall-kuntatt tajjeb li dan ir-Reġjun għandu ma Greenpak u GreenMT u kif dawn jaf ikun hemm bżonn ikunu involuta f'dan il-proġett.

53.3.19 Fuq proposta tal-President kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex dan ir-Reġjun jidħol għal dan il-proġett billi jkun *partner* bħal ma huwa diġa r-Reġjun Tramuntana.

**53.3.20** ***18:05pm – Il-Viċi President tar-Reġjun u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, skuża ruħu minn din il-laqgħa minħabba li kellu jattendi l-laqgħa ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.***

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

53.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 53.5 Rapporti *(Kontinwazzjoni)*

53.5.1 Il-President ressaq fuq il-mejda r-rapporti ta' kull kwart li jiġu ppreparata mill-Maniġers tar-Reġjun u kif dawn ir-rapporti kienu diġa ntabgħatu lill-membri qabel din il-laqgħa sabiex ikunu leħqu qrawhom.

53.3.2 Ir-rapporti kienu meħuda bħala moqrija u ma kienx hemm kummenti mill-membri preżenti ħlief li l-kontenut imressaq kien qed jiġi approvat.

## 53.6 *Performance Appraisals* tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-Impjegati għas-sena 2025

53.6.1 B'referenza għal dan il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv tagħti r-rakkomandazzjoni tagħha fuq il-*performance appraisals* ta' l-impjegati tar-Reġjun u sabiex wara tiskuża ruħha mill-kamra sabiex ikun jistà jiġi diskuss ir-rapport tagħha mill-membri preżenti.

53.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat kif hi kienet qed tirrakomanda li l-impjegati klerikali kollha għandhom jingħataw il-persentaġġ sħieħ ta' 10% peress li ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-ħidma tagħhom matul is-sena 2025.

53.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk għandhiex toħroġ mill-kamra sabiex jitressaq ir-rapport tagħha mill-President. Madanakollu l-membri preżenti qalu li dan ma kienx hemm għalfejn u b'hekk baqgħet preżenti fil-kamra.

53.6.4 Il-President informa kif hu kien qed jirrakomanda li s-Segretarju Eżekuttiv għandha tingħata l-persentaġġ sħieħ ta' 10% mir-Reġjun.

53.6.5 Kien hemm qbil mill-membri preżenti b'mod unanimu u għal din ir-raġuni s-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjathom ta' dan.

## 53.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- *Allokazzjoni Finanzjarja*

53.7.1 Il-President informa kif nhar il-Ħamis 18 ta' Diċembru 2025 dan ir-Reġjun kien irċieva l-ammont ta' €56,471.72 li tkopri ż-żewġ ġabriet addizzjonali li kienu saru l-għada tal-Milied u lejliet l-ewwel tas-sena.

53.7.2 Il-President informa kif nhar il-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2026 dan ir-Reġjun kien irċieva l-ammont ta' €1,056,449.61 li fiha tkopri l-allokazzjoni finanzjarja għall-ewwel kwart tas-sena 2026 (€187,500), l-allokazzjoni marbuta mal-ġabra ta' l-iskart għall-ewwel kwart tas-sena 2026.

- *Regional Football Tournament 2026*

53.7.3 Il-President informa kif dan iIr-Reġjun qed jipproponi li dan it-tournament, li kien previst fil-baġit, isir nhar is-Sibt 16 ta' Mejju 2026. Hu spjega kif il-format se jkun l-istess bħas-sena l-oħra fejn n-nursuries kollha se jkunu involuti.

53.7.4 Is-Sur Chircoop kompla jgħid kif Sportify Sports Academy se tieħu ħsieb il-koordinazzjoni. Matul dan l-avveniment ser ikunu qed jinġabru donazzjonijiet għall-Malta Community Chest Fund Foundation. Is-Sindku u/jew Kunsilliera se jintalbu jkunu preżenti waqt dan it-tournament fil-grawnds rispettivi tagħhom sabiex jiġu ppreżentati l-medalji lill-plejers.

53.7.5 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Campus Reads*

53.7.6 Il-President qal kif għall-Jum Internazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena, il-Kunsill Reġjonali tal-Lvant se jospita fiera tal-kotba bit-titlu *Campus Reads* fil-Campus Hub fl-Imsida fil-25 ta' April 2026 mill-10am sal-4pm. Hu spjega kif matul l-għodwa ser jkun hemm quizzes u attivitajiet oħra biex ninvolvu oħra liż-żgħażagħ u tfal.

53.7.7 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali San Ġiljan*

53.7.8 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem dan il-Kunsill sabiex flimkien mar-Reġjun ikun jistà japplika għad-Dvelopment Planning Funds sabiex ikunu jistgħu jgħamlu CCTV kameras fil-komunità ta' San Ġiljan.

53.7.9 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

53.7.10 Il-President ressaq fuq il-mejda talba f'isem l-istess Kunsill sabiex il-fondi mgħotija mill-iskema finanzjarja ta' €15,000 lil kull Kunsill Lokali, minflok jintuża għal proġett tal-manutenzzjoni tal-latrina tal-Balluta, jintuża għat-tisbieħ tal-Balluta area pero tioġi rranġata tinda tal-pjazza kif ukoll iċ-ċint li hemm ħdejn il-latrini tal-Balluta. Żied jgħid ukoll kif qed jintalab il-finanzjament sabiex jitranġa wkoll il-*fence* li jinsab fuq it-terrapina ta' Triq il-Mensija u kif għal din ir-raġuni ser tkun qed titwaħħal plakka sabiex jindika li dan ix-xogħol sar bil-fondi tar-Reġjun.

53.7.11 Il-membri preżenti approvaw din it-talba.

- *lVANt*

53.7.12 B'referenza għal dan il-proġett, il-President informa kif ir-Reġjun qed jipproponi li dawn il-proġett jerġa jinżamm minn nofs Lulju sa nofs Awwissu 2026 u kif kwotazzjonijiet ser ikunu qed jiġu mressqa fil-laqgħat li ġejjin.

53.7.13 Is-Sur Chircop qal ukoll kif ir-Reġjun jixtieq jaħdem mad-Direttur Artistiku, is-Sur Daniel Cauchi, peress li hu jġib miegħu ħafna esperjenza fil-proġett, stabbiltà, gwida u fuq kollox, dejjem ħadem bis-sħieħ favur dan il-proġett.

53.7.14 Is-Sindku ta’ Pembroke, Dott. Zammit, staqsa jekk ir-Reġjun qatt ikkunsidrax ikollu Direttur Artistiku ieħor mir-Reġjun peress li l-persuna diġa għamlet dan ix-xogħol sentejn wara xulxin. Madanakollu hu qal li dan kien biss suġġeriment.

53.7.15 Inżammet diskussjoni dwar dan bejn il-membri preżenti u ġie deċiż li tinħareġ espressjoni ta’ interess.

- *Laqgħa mal-Kummissarju Għall-Benesseri tal-Annimali*

53.7.16 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar 2026, hu flimkien mal-Maniġer responsabbli għall-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, kellhom laqgħa ma’ Dott. Fleur Abela sabiex jiġu diskussa problemi relatati mal-finanzjament allokat għall-kura tal-qtates mitlufin.

53.7.17 Is-Sur CHhircop spega kif matul din il-laqgħa, il-Kummissarju talbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha biex jipprovdu informazzjoni konsolidata u li għandha tiġi sottomessa sal-Ġimgħa 23 ta’ Jannar 2026.

53.7.18 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid kif sa din il-laqgħa tar-Reġjun, il-Maniġer tal-Kultura kienet irċiviet għaxax risposti mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun u kien jonqos biss risposta mill-Kunsill Lokali ta’ l-Iklin u Birkirkara.

- *Moniteraġġ tal-Kwalita' tal-Arja*

53.7.19 Il-President informa kif dan ir-Reġjun kien ġie avviċinat mill-Unità tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (RIU) tal-Kunsill Lokali tal-Gżira dwar it-tempesta ‘Harry’ li laqtet Malta bejn id-19 u l-21 ta’ Jannar 2026. Hu qal kif l-RIU għanda tliet stazzjonijiet Kunak AIR Pro installati fi Triq Sliema, Gżira u li minnha nġabret informazzjoni utli dwar il-kundizzjonijiet tal-arja li ġarrbu matul dan il-perjodu.

53.7.20 Is-Sur Chircop kompla jispjega kif ir-Reġjun kien irċieva sejħa għal azzjoni għal *Network* ta' Intelliġenza Ambjentali tal-Kunsilli Lokali madwar Malta proposta mill-RIU, li jiddikjara li għandu jiġi nstallat mill-inqas stazzjon Kunak AIR Pro wieħed f’kull lokalità.

53.7.21 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

- *Kwotazzjonijiet*

53.7.22 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm *re-print* tat-Treasure Hunt Booklets, fejn l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Print Option għal prezz ta’ €1,270.50.

53.7.23 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijet sabiex isiru Cosmic Connection Armillary Sphere A2 Design u kif l-orħos kwotazzjoni kienet mingħand Log Grafix għal prezz ta’ €696.20.

53.7.24 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet sabiex isir Roll-up Banner (200x250cm) for VR Gozo Launch, fejn l-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand Polidano Press għal prezz ta’ €409.00

53.7.25 Il-President informa kif waqt laqgħa li kienet inżammet minn Transport Malta ghall-Kunsilli Lokali kien hemm suġġeriment sabiex ir-Reġjun jingħata s-servizz ta’ Arborist/Arboiculturist. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop spjega kif dan ir-Reġjun jemmen li dan huwa servizz bżonjuz u kif għaldaqstant qed jiġu mressqa kwotazzjonijiet miġbrua mill-Maniġer ta’ l-Ambjent.

53.7.26 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni ppreżentata li kienet mingħand is-Sur Jonathan Henwood għal prezz ta’ €5,000 għal total ta’ 20 siegħa.

53.7.17 Il-membri preżenti approvaw il-kwotazzjonijiet imsemmija.

- *Skema Finanzjarja tal-Milied 2025*

53.7.18 B’referenza għal din l-iskema finanzjarja l-President fakkar lill-membri sabiex jieħu ħsieb jissottomettu d-dokumenti mitluba f’din l-iskema sabiex ikunu intitolati għar-rimborż ta’ €4,000 u kif dawn għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 13 ta’ Frar 2026.

53.7.19 ***19:21pm – Il-Kunsilliera ta’ Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, talbet li tiġi skużata mill-laqgħa minħabba mpenn ieħor.***

## 53.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

53.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta’ pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

53.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni kif il-pagament numru 42 fl-iskeda preċedenti qed issir korrezzjoni u qed jerġa jinkiteb f’din l-iskeda- Brewhouse – l-ikla tal-milied. Qed jerġa jitniżżel f’din l-iskema bl-ammont korrett.

53.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret ukoll f’dak li kien qal il-President fil-bidu ta’ din il-laqgħa fejn il-pagament tal-Kuntrattur għax-xahar ta# Novembru 2025 kien qed jiġi mgħoddi sħieħ u kif il-Kuntrattur ser ikun qed jitħallas tal-ġbir addizzjonali li saru l-għada tal-Milied kif ukoll lejliet l-ewwel tas-sena. Dan peress l-allokazzjoni għal dan il-kont diġa ingħata lir-Reġjun.

53.8.4 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sur Neville Chetcuti, sekondat mill-Viċi Sindku ta’ l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 50A u 50B.

53.8.5 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 53.9 Mozzjonijiet

53.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x’tiġi diskussa f’din il-laqgħa.

## 53.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-19:21 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta’ Frar 2026, fil-17:00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 17 ta’ Frar, 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |